MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 71/1987/1

**L-Avukat Dottor Alfred Grech bhala mandatarju ta' l-imsiefra Inez Grima**

**vs**

**Grace Grima kemm f'isimha proprju u kemm bhala mandatarja ta' binha l-imsiefer Anthony Grima, u b'nota tas-16 ta' Awissu 1988 Anthony Grima assuma l-atti tal-kawza ghal dak li jirrigwarda l-interessi tieghu proprji.**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. B'sentenza moghtija fil-15 ta' Gunju 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ddecidiet billi:
(i) ddikjarat li l-kuntratt tas-7 ta' Mejju sar fl-interess ta' Anthony u Inez Grima f'isimhom ugwali bejniethom u mhux biss ta' Anthony Grima;
(ii) konsegwentement, l-akkwist li ghamlet Grace Grima minn binha Anthony bl-att tan-nutar Micallef Trigona (**sic!**) tas-17 ta' Mejju 1979 hu null ghax dan l-akkwist sar a non domino;
(iii) in vista tal-provvedimenti ta' l-Att XXXVII ta' l-1974 ma takkordax it-tielet talba izda tirrizerva lill-attrici Inez Grima kull dritt illi jista' jkollha skond il-ligi inkluza l-azzjoni ta' danni u interessi, b'rizerva favur Grace Grima ghar-rifuzjoni ta' xi flus illi hija harget di proprio biex tellghet il-bini fl-art mixtrija fis-7 ta' Mejju 1975 u li taghhom ma thallsitx. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

2. Minn din is-sentenza gie interpost appell mill-attur nomine fil-kwalita` tieghu premessa fejn talab li din il-Qorti "...joghgobha tilqa' dan l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu jirrigwarda t-tielet talba fejn naqset li takkorda l-istess talba fejn naqset li takkorda l-istess talba, tilqa' t-talbiet kollha tal-attur nomine specjalment it-tielet talba..."

3. Wara li l-appell gie appuntat ghas-smigh, fis-seduta tad-9 ta' April 2001 gie registrat il-verbal segwenti:
"meta ssejjah l-Appell deher biss Dr. Alfred Grech li ttratta l-appell.
L-appellata u d-difensur taghha msejhin tlett darbiet ma dehrux.

Il-Qorti taghti fakolta` lill-appellata li taghmel trattazzjoni bil-miktub.

Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Gunju 2001 f'nofsinhar bil-fakolta` lill-appellata li taghmel Nota sas-7 ta' Mejju 2001 bil-visto tal-kontroparti li jkollha sas-7 ta' Gunju, 2001 ghar-risposta.

Il-Qorti tordna komunika ta' dan il-verbal lill-Dr. Michael Grech."

4. Fil-11 ta’ Gunju 2001 gie intavolat rikors mill-konvenuti (ara fol. 16 tal-process) li fih il-konvenuti appellati, tramite id-difensur taghhom Dott. Michael Grech, jghidu li l-konvenut Anthony Grima jghix fl-Istati Uniti ta’ l-Amerika u li ommu Grace Grima hija mejta u gie allegat li l-avukat firmatarju “sar jaf li effettivament l-istess Anthony Grima ma kienx notifikat l-inqas bid-data ta’ l-appuntament ta’ dan l-appell”. Hu ghalhekk talab, u giet akkordata lilu, talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, liema terminu gie estiz biex il-konvenuti jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet. Il-kawza thalliet ghall-25 ta’ Gunju 2001 u mill-gdid ghad-19 ta’ Novembru 2001 fejn gie registrat <u>inter</u> <u>alia</u> li dehret il-konvenuta. Il-kawza baqghet ghas-sentenza ghat-12 ta’ Dicembru 2001, bil-fakolta` ta’ noti, u wara ghall-14 ta’ Jannar 2002 u mill-gdid ghall-11 ta’ Marzu 2002, fejn gie registrat li l-avukati rispettivi “xtaqu jergghu jittrattaw quddiem din il-Qorti kif komposta - il-kawza thalliet ghat-13 ta’ Mejju 2002 ghat-trattazzjoni.”
5. Fis-seduta tat-13 ta’ Mejju 2002, l-Avukat Dr. Michael Grech (ara fol. 27 tal-process) irregistra li gej bhala verbal:
“Dr. Michael Grech issolleva n-nullita` tad-decizjoni appellata billi din inghatat fil-konfront ta’ Grace Grima proprio et nomine liema persuna effettivament mietet fil-15 ta’ Gunju 1998, u l-gudizzju kien gie trasfuz f’isem uliedha Joseph, Clementa mart Emanuel Spiteri, Esther mart William Oliveris, Carmel u Anthony, ahwa Grima. Minghajr pregudizzju jigi rilevat illi l-istess persuni li f’isimhom gie trasfuz dan il-gudizzju ghadhom sal-lum m’humiex notifikati”.

6. B’rikors datat 5 ta’ Gunju 2002, l-appellant nomine, igifieri l-Avukat Dottor Alfred Grech (ara fol. 30 tal-process), minflok ma ghamel s-sottomissjonijiet tieghu per via ta’ risposta, u wara li rrileva <u>inter</u> <u>alia</u> li
“...ir-rikors li kien sar quddiem l-Ewwel Onorbbli Qorti ghat-trasfuzzjoni tal-gudizzju lanqas kien gie elenkat (<u>recte</u> dekretat) u fi kwalunkwe kaz l-esponenti kien li appella mill-meritu ta’ dina l-kawza ghaliex ma jaqbilx mal-mod kif giet deciza,”
kompla hekk:

"Illi ghalhekk, jidher jekk is-sentenza tigi annullata u terga' tintbaghat quddiem l-Ewwel Qorti jigu kkuntentati (**sic!**) l-kontendenti f'din il-kawza."

Fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2002, deher l-Avukat Dott. Joseph P. Bonnici li assocja ruhu ma' l-Avukat Dott. Michael Grech ghall-appellati u ddikjara li l-appellati jaqblu mat-talba kontenuta fir-rikors tal-5 ta' Gunju, 2002.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. Din il-Qorti tibda billi tosserva li pronunzjamenti min-naha taghha biex jigu annullati atti, multa magis meta si tratta ta' sentenzi, jinghataw biss ghal ragunijiet serji u gravi u certament mhux biex jigu "ikkuntentati" l-partijiet – kif wisq infelicement esprima ruhhu l-appellant nomine. Dan hu hekk minkejja li tali pronunzjament, talvolta jinghata, ikun jiggjova kemm lil naha u kemm lil ohra. Il-kriterju oggettiv u regolatorju f'kazi simili ghandu jkun dak jekk l-allegat nuqqas ikunx ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-parti.

Illi minn ezami ta' l-atti tal-process jirrizulta (ara fol. 167, kif enumerati mill-ewwel Qorti) li in data tat-13 ta' April 1999, Joseph, Clementa mart Emanuel Spiteri, Esther mart William Oliveris, Carmel u Anthony, ahwa Grima, wara li rrilevaw li l-konvenuta ommhom, Grace Grima kienet mietet u li "l-eredita` taghha ghaddiet a favur" taghhom, talbu lil dik il-Qorti, biex "tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju minn isem il-konvenuta Grace Grima ghal isimhom stante l-mewt ta' l-istess." Jirrizulta inoltre li kontestwalment mar-rikors imsemmi, il-konvenuti appellati, waqt is-seduta, ipprezentaw f'isimhom stess, nota ta' osservazzjonijiet elaborata hafna – li fil-fatt aktar tixbah mongrafija (ara fol. 168 – 184 tal-process) milli semplici nota ta' osservazzjonijiet.

Fl-istess seduta tat-13 ta' April 1999 (ara verbal a fol. 191 – 192 tal-process), u dan hu importanti, gie registrat ukoll li Dr. Michael Grech informa lill-Qorti bil-mewt ta' Grace Grima u bir-rikors tieghu ghal-legittimazzjoni tal-atti kif ukoll bil-fatt li kien qieghed jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet u talab l-awtorizzazzjoni biex fl-atti

jesebixxi dokument u precizament "xi ittra" li Grace Grima kienet ghaddhietlu qabel mietet. Il-verbal jaghlaq hekk:
"Il-Qorti tilqa' t-talba. Peress illi jidher li ma hemmx aktar xi jsir f'din il-kawza tibqa' differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Gunju 1999"
U s-sentenza nghatat proprju fil-15 ta' Gunju, 1999. Li gara pero` hu li, sfortunatament, l-okkju tal-kawza baqa' ma giex korrett.

Dak li gara, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa li meta gie vverbalizzat inter alia u b'mod generiku li "Il-Qorti tilqa' talba", l-akkoljiment kien u kellu jkopri sija t-talba ghall-produzzjoni ta' dokumenti flimkien man-nota ta' osservazzjonijiet kif ukoll it-talba kontenuta fir-rikors ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju li kien gie pprezentat waqt is-seduta. L-isfortuna allura hija li fi kwalunkwe kaz, l-okkju thalla bla mittiefes.

7. Ikkunsidrat, li kif inghad supra, iz-zewg nahat qeghdin, ghal ragunijiet diversi, jitolbu li din il-Qorti tannulla l-imsemmija decizjoni, meritu ta' dana l-appell. Huwa minnu li kien hemm diversi incidenti simili fl-imghoddi li wasslu biex din il-Qorti ta' l-Appell spiccat biex tiddikjara l-annullament tas-sentenza li tkun inghatat, u dan meta jkun irrizulta xi zball jew nuqqas bi pregudizzju evidenti lil xi wahda mill-partijiet. Minn din ir-rigidita` formalistika, din il-Qorti, b'mod mill-izjed prudenti, evolviet gradwalment gurisprudenza fejn il-prassi nbidlet fis-sens li, sa fejn ikun possibbli, l-atti ghandhom kemm jista' jkun jigu salvati u mhux annullati. Il-legislatur ukoll, konxju mid-dizgwid u dewmien li hafna drabi joholqu tali annullamenti, emenda l-ligijiet tal-procedura in materja (hekk ara l-Att XXIV tal-1995) biex issa ghamilha possibbli li kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell, inkluzi zbalji fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru. Anzi, il-Qorti ta' l-Appell ghandha anke s-setgha li, sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju – poter ta' korrezzjoni kwindi mill-aktar ampju.

Fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz in ezami din il-Qorti hija ghal kollox konvinta li b’korrezzjoni fl-okkju tal-kawza li tirrispekkja t-trasfuzzjoni ta’ l-atti mitluba mill-konvenuti stess, ebda parti ma sejra tbati pregudizzju u lanqas b’xi mod – konsiderazzjoni importanti – ma jigi affettwat il-meritu ta’ l-appell li gie interpost mill-kontroparti attrici. Anzi, jekk xejn, l-attur appellant ghandu jkun sodisfatt b’din it-tiswija opportuna fl-atti meta sahansitra jirrizulta li b’rikors tieghu tas-16 ta’ Ottubru 2000 quddiem din il-Qorti u wara li ppremetta li “din il-kawza ilha tistenna’ ezitu finali ghal dawn l-ahhar 13-il sena, u l-esponent jhoss li ghandu jkun hemm ezitu kemm jista’ jkun malajr”, talab li l-appell tieghu jigi appuntat “kemm jista’ jkun malajr”.

Riferibbilment ghall-parti konvenuta appellata mbaghad, din il-Qorti ma tasalx biex tifhem kif tista’ llum titlob dikjarazzjoni ta’ nullita` meta hi stess b’rikors taghha <u>f’isem il-konvenuti</u> – datat 11 ta’ Gunju 2001, (fol. 16 Qorti ta’ l-Appell) talbet li tinghata, oltre sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza – <u>terminu ulterjuri sabiex fih ihejju l-osservazzjonijiet taghhom</u>. Issa li kieku rrizulta li t-talbiet f’dan ir-rikors gew respinti, allura certament kien ikun il-kaz fejn talba ghall-annullament kellha tigi kkunsidrata serjament imma t-talbiet tal-konvenuti mhux biss gew milqughin imma fis-seduta tal-11 ta’ Marzu 2002 (fol. 26) l-avukati rispettivi infurmaw lill-Qorti li huma “xtaqu jittrattaw quddiem din il-Qorti kif komposta” u ghalhekk din il-Qorti kienet ferm sorpriza bil-verbal tat-13 ta’ Mejju 2002 fejn il-konvenuti talbu li tigi annullata d-decizjoni appellata u li “minghajr pregudizzju jigi rilevat illi l-istess persuna li f’isimhom gie trasfuz dan il-gudizzju (sic) ghadhom sal-lum ma humiex notifikati bir-rikors ta’ appell”. Il-Qorti tirreleva li meta l-konvenuti kienu in precedenza talbu terminu itwal ghalbiex iwiegbu ghall-aggravji ta’ l-attur appellant huma ma setghux jmorru lura biex iqanqlu kwistjonijiet dwar nuqqas ta’ notifika, u dan ghaliex ikunu dehru ghas-smiegh tal-kawza f’dan il-kaz tramite l-avukat taghhom, u ma taw ebda eccezzjoni f’dan is-sens u minflok jirrizulta li hallew lill-haddiehor jghaddi ghal atti ohra bla ma taw dik l-eccezzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad kemm it-talba tal-appellant kif ukoll dik ta' l-appellati konvenuti ghalbiex tigi annullata d-decizjoni meritu ta' dan l-appell u li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-15 ta' Gunju 1999; fit-tieni lok tordna korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn hemm bzonn li turi li l-atti gew trasfuzi minn fuq isem il-konvenuta Grace Grima, illum mejta, ghal fuq uliedha Joseph, Clementa mart Emanuel Spiteri, Esther mart William Oliveris, Carmel u Anthony, ahwa Grima; u fl-ahharnett thalli l-appell ghall-ahhar darba ghall-finali trattazzjoni fil-meritu. Spejjez rizervati sal-gudizzju finali.

Dep. Reg
df